*Kap 365 tal-Liġijiet ta' Malta;*
*Liġi Kummerċjali Konswetudinarja;*
*Konġelament tal-assi*

# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 29 ta' Settembru, 2020**

**Numru 7**

**Rikors Numru 409/19TA**

**World Water Fisheries Limited – C24129**

**vs**

**Bank of Valletta plc.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' World Water Fisheries Limited tas-26 ta' April 2019 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

"**A. Dikjarazzjoni tal-fatti**

1. Illi s-soċjeta rikorrenti għandha kont bankarju mal-banka intimata, ossia dak il-kont bin-numru 40024475736 indikat fl-anness dokument DD1.

2. Illi fl-imsemmi kont hemm depositat l-ammont kumplessiv ta' disa u disgħin elf u tmenin ewro u seba u ħamsin ċenteżmu (Euro 99,080.57).

3. Illi l-banka intimata llum qiegħda tirrifjuta li tirrilaxxa dan l-ammont ta' flus għaliex skond hi 'l-istess soċjeta hija milquta minn sanzjonijiet maħruġa mill-OFAC tal-US Treasury Amerikana, u li skond hi jipprojbixxu lill-Bank milli jħalli l-kont in kwistjoni jiġi operat b'mod normali'.

4. Illi l-imsemmija sanzjonijiet li għalihom qed tirreferi l-banka intimata nħarġu mill-OFAC tal-istat Amerikan u għalhekk ma humiex enforzabbli bl-ebda mod f'Malta, stante li Malta hija stat sovran u ndipendenti, u anqas ma huma enforzabbli fl-Unjoni Ewropeja.

5. Illi għalhekk ma teżisti ebda bażi leġittima u legali għaliex is-soċjeta' rikorrenti għandha tkun mxekkla fl-operazzjonijiet u jew transazzjonijiet bankarji tagħha u wisq anqas li titħalla tirtira flusha mingħand il-banka intimata.

6. Illi fi kwalunkwe każ ukoll ma teżisti ebda ordni ta' friżar ta' assi bankarji jew xorta oħra maħruġa minn xi awtorita kompetenti f'Malta jew barra minn Malta li hija enforzabbli f'Malta.

7. Illi ġaladarba l-banka ntimata għażlet it-triq li tissospendi jew b'mod jew ieħor tħassar ir-relazzjoni bankarja mar-rikorrenti hija għandha b'mod immedjat tirrilaxxa a favur lis-soċjeta' rikorrenti s-somma bilanċjali w kumplessiva ta' disa u disgħin elf u tmenin ewro u seba u ħamsin ċenteżmu (Euro 99,080.57) u tagħlaq il-kontijiet bankarji, u mhux tieħu rgħajjha f'idejha, u filwaqt li tissospendi r-relazzjonijiet bankarji tagħżel ukoll li żżomm f'idejha assi tas-soċjeta' rikorrenti.

8. Illi s-soċjeta' intimata ġiet diversi drabi nterpellata sabiex tirrilaxxa l-assi nkwistjoni, iżda baqgħet inadempjenti.

9. Illi llum is-soċjeta' rikorrenti ma tridx tkompli fir-relazzjoni bankarja mas-soċjeta ntimata stante li l-posizzjoni li ħadet il-bank intimata hija waħda rraġonevoli w bla ebda bażi fondata fil-liġi *de fronte* tagħha.

10. Illi dawn il-fatti kif hawn dikjarati huma a diretta konoxxenza ta' Darren Debono bħala direttur tal-istess soċjeta' rikorrenti.

**B. Raġuni għat-Talbiet f'dawn il-proċeduri**

11. Illi l-preżenti proċeduri qegħdin isiru sabiex il-banka ntimata tkun ordnata tirrilaxxa w tħallas l-ammont hawn fuq imsemmi minnha dovut lis-soċjeta' rikorrenti jew ammont ieħor verjuri flimkien mal-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-ittra uffiċjali sal-pagament effettiv, u kif ukoll tagħlaq il-kontijiet bankarji tas-soċjeta' rikorrenti b'mod definittiv.

**Ċ. Talbiet tar-rikorrenti**

Għaldaqstant ir-rikorrenti in vista ta' dak kollu fuq premess, titlob li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:-

1. Tiddikjara li l-banka ntimata ma għandha ebda dritt legali żżomm għandha assi tar-rikorrenti mingħajr awtorizazzjoni tal-istess soċjeta' rikorrenti.

2. Konsegwentement tiddikjara li l-banka ntimata għandha tħallas u tirrilaxxa a favur is-soċjeta' rikorrenti s-somma hawn fuq imsemmija ta' disa u disgħin elf u tmenin ewro u seba u ħamsin ċenteżmu (Euro 99,080.57), jew ammont ieħor verjuri li tistipula dina l-Onorabbli Qorti, flimkien mal-imgħax legali skont il-liġi dekorribbli mid-data tal-ittra uffiċjali sal-pagament effettiv.

3. Tordna lis-soċjeta' ntimata tħallas u tirrilaxxa a favur is-soċjeta' rikorrenti s-somma hawn fuq imsemmija ta' disa u disgħin elf u tmenin ewro u seba u ħamsin ċenteżmu (Euro 99,080.57) jew ammont ieħor verjuri determinat mill-Qorti, flimkien mal-imgħax legali skond il-liġi u dekorribbli mid-data tal-ittra uffiċjali sal-pagament effettiv.

4. Tordna lis-soċjeta' ntimata tagħlaq b'mod definittiv il-kontijiet bankarji kollha ntestati fuq isem is-soċjeta' rikorrenti.

Bl-ispejjeż, u bl-imgħax legali dekorribbli kif mitlub kontra l-banka ntimata li tibqa' minn issa nġunta għas-subizzjoni, u b'riserva għal kull azzjoni ulterjuri għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni spettanti lis-soċjeta' rikorrenti skond il-liġi."

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Bank of Valletta p.l.c li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:-

"1. Bank of Valletta p.l.c. (il-"Bank") jikkonferma illi s-soċjeta' rikorrenti għandha kont bankarju mal-istess Bank kif aħjar elenkat fl-anness dokument immarkat "Dok. BoV1".

2. Permezz ta' *Guidance Note* maħruġa mill-Bord ta' Sorveljanza dwar is-Sanzjonijiet ta' Malta ġie a konjizzjoni tal-Bank intimat li d-Dipartiment tat-Teżor tal-Istat Amerikan tramite l-*United States Office of Foreign Assets Control* ("OFAC") kien ħareġ sanzjonijiet fil-konfront ta' numru ta' persuni li ġew identifikati proprju f'lista apposita. Kopja tal-*Guidance Note* u sanzjonijiet tal-OFAC, flimkien mal-ordni eżekuttiva bin-numru 13726 huma annessi u mmarkati "Dok. BoV2".

3. Is-soċjeta' rikorrenti World Water Fisheries Limited hija speċifikatament inkluża u msemmija f'din il-lista soġġetta għas-sanzjonijiet in kwistjoni.[1]

[1] Ara l-isem tal-ewwel persuna (soċjeta') imniżżla fuq il-lista tal-OFAC annessa bħala **Dok. BoV2**.

4. Il-Bank intimat għandu operazzjonijiet bankarji internazzjonali, partikolarment jipprovdi servizzi lill-klijenti tiegħu biex ikunu jistgħu jinqdew bis-servizzi ta' pagamenti esteri tramite banek esteri, fosthom dawk Amerikani. Illi biex il-Bank intimat ikun jista' jkompli joffri tali servizzi huwa jidħol f'relazzjonijiet, fejn jobbliga ruħu li josserva s-sanzjonijiet ekonomiċi maħruga mill-OFAC fost oħrajn. F'każ illi ma jaċċettax tali termini ma jkunx f'posizzjoni li jkompli jifforma parti mis-sistema bankarja u ta' pagamenti internazzjonali, partikolarment fil-minuta tad-dollaru Amerikan.

5. Huwa f'dan il-kuntest illi l-Bank intimat ħa l-passi neċessarji biex, anki kif tirrikkomanda l-*Guidance Note* tal-Bord ta' Sorveljanza dwar is-Sanzjonijiet ta' Malta[2], jeżerċita kawtela akbar meta jittratta ma' persuna imniżżla fuq il-lista ta' persuni sanzjonati mill-OFAC u meta si tratta ta' l-assi tagħhom. Kien f'dan il-kuntest u l-kuntest aktar wiesgħa tal-prassi bankarja internazzjonali diġa msemmi, li l-Bank intimat ikkontrolla u żamm għal kollox il-bilanċ rimanenti fil-kontijiet bankarji tal-istess soċjeta'.

6. Il-Bank intimat qiegħed fl-impossibilita' legali li jħalli l-kontijiet tas-socjeta' rikorrenti jiġu operati b'mod liberu mingħajr ir-riskju serju li l-istess Bank, partikolarment fil-kuntest tal-importanza tiegħu fis-settur bankarju Malti ġenerali, ibgħati kosegwenzi serji kemm ma' banek internazzjonali oħra li magħhom huwa obbligat li josserva s-sanzjonijiet tal-OFAC kif ukoll mill-istat Amerikan innifsu.

Għar-raġunijiet suesposti t-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti għandhom jiġu miċħuda kollha, bl-ispejjeż kontra l-istess."

Rat il-verbal tad-29 ta' Ottubru 2019 li bis-saħħa tiegħu l-partijiet qablu li l-provi miġjuba f'din il-Kawża għandhom japplikaw ukoll għall-Kawża rikors numru 923/18TA fl-ismijiet Nesvan Company Limited -vs- Bank of Valletta p.l.c u vice versa;

Rat id-dokumenti, provi u l-atti kollha tal-kawza;

Semgħet ix-xhieda imressqa mill-partijiet;

Qrat in-noti ta' osservazzjonijiet rispettivi tal-partijiet;

[2] Ara paragrafu 8 tal-istess *Guidance Note*

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw il-Kawża fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2020;

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** Is-Soċjeta' Attriċi għandha xi kontijiet mal-Bank Konvenut. L-ammont ta' dawn il-kontijiet huwa kumplessivament ta' disgħa u disgħin elf u tmenin punt sebgħa u ħamsin ċenteżmu tal-ewro (€99,080.57).

**2.** Irrisulta li isem is-Soċjeta' Attriċi huwa elenkat f'lista ta' entitajiet maħruġa mill-Office of Foreign Assets Control (OFAC ) in virtu' Ordni Esekuttiva tal-President Amerikan numru 13726 ta' April 2015 (ara a' fol 21). Din l-Ordni tirrigwarda "*Blocking Property and Suspending entry into the United States of Persons Contributing to the Situation in Libya"* (ara a' fol 25 u Dok GG1 a' fol 118 rikors 923/18).

**3.** B'konsegwenza ta' din l-ordni, il-Bank konvenut, jgħid li għandu operazzjonijiet bankarji internazzjonali u b'mod partikulari jipprovdi servizzi lill-klijenti tiegħu biex ikunu jistgħu jinqdew bis-servizzi ta' pagamenti esteri permezz ta' banek barranin, fosthom dawk Amerikani. Għalhekk biex ikun jista' ikompli joffri tali servizzi huwa jidħol f'relazzjonijiet kuntrattwali ma' banek internazzjonali, u dan linea ma' dik li hija prassi bankarja internazzjonali, fejn jobbliga ruħu li josserva s-sanzjonijiet ekonomiċi

maħruġa mill-OFAC.  Jekk ma jagħmilx hekk ma jkunx f'posizzjoni li jkompli jifforma mis-sistema bankarja ta' pagamenti internazzjonali, partikolarment fil-munita tad-dollaru Amerikan (ara fost oħrajn xhieda ta' Patrick Spiteri Swain a' fol 85 sa 88 tergo u dok PSS1 a' fol 89 sa 97 tergo rikors 923/18).

**4.** Kien f'dan il-kuntest li l-imsemmi Bank ħa passi neċessarji billi ffriża l-kontijiet tas-Soċjeta' rikorrenti.  Tali deċizjoni kienet ukoll imsaħħa bir-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' Sanzjonijiet ta' Malta fil-*guidance note* (ara a' fol 23 rik 923/18).  Il-Qorti fehmet li fil-fatt kienet din ir-rakkomandazzjoni li fetħet għajnejn il-Bank Konvenut dwar il-lista ppubblikata mill-OFAC.  Dan kollu wassal biex is-Soċjeta' Attriċi kellha l-assi tagħha fil-kont bankarju mblokkati u għalhekk ma jistgħux jinġibdu.

**5.** Kif ser ikun spjegat aktar 'l isfel b'mod dettaljat, meta s-Soċjeta' Attriċi talbet lill-Bank Konvenut jirrilaxxja l-fondi, dan irrifjuta minħabba s-sanzjonijiet fuq imsemmija.  Għalhekk, din is-sitwazzjoni wasslet lis-Soċjeta' Attriċi tagħmel il-kawża odjerna għar-raġunijiet minnha premessi fir-rikors ġuramentat fuq imsemmi.

**Punti ta' liġi**

**6.** Fil-fehma ta' din il-Qorti fid-dawl tal-pretensjonijiet tas-Soċjeta' Attriċi u tal-eċċezzjonijiet tal-Bank Konvenut, tnejn huma l-punti legali prinċipali li jridu jkunu kkunsidrati u ċioe':

Jekk humiex applikabbli għall-każ odjern il-provvedimenti tal-Kap 365 tal-liġijiet ta' Malta (Att Dwar Poteri li jsiru Regolamenti fl-Interess ta' Malta);

u ndipendentement mill-fatt humiex applikabbli tali provvedimenti, jekk il-Bank Konvenut kienx xorta ġustifikat li jieħu d-deċiżjoni biex jiffriża l-kontijiet tas-Soċjeta' Attriċi in virtu ta' prassi bankarja internazzjonali, li tammonta għall-vinkolu fil-liġi.

**7.** Dawn il-punti legali huma neċessarji li jkunu kkunsidrati sabiex jiġi stabbilit, jekk il-Bank Konvenut kellux dritt legali jżomm l-assi tas-Soċjeta' Attriċi mingħajr ebda awtorizzazzjoni tagħha (Ara l-ewwel talba attriċi a' fol 2).

**Konsiderazzjonijiet**

*Il-Kap 365 tal-liġijiet ta' Malta*

**8.** Kif diġa' aċċennat aktar 'l fuq, din il-Qorti, ser ikollha tifli x'inhi l-posizzjoni legali taħt il-Kap 365 tal-Liġijiet ta' Malta. Mhux wisq għax tqanqlet mis-Soċjeta' Attriċi, iżda għaliex ingħatat importanza mill-Bank Konvenut fir-risposta tiegħu u anke fil-kors tal-provi saret referenza għall-*guidance note* tal-Bord Dwar Sorveljanza ta' Sanzjonijiet, li huwa wieħed mill-organi krejati mill-Kap tal-liġijiet imsemmi.

**9.** Di fatti, fil-ħames (5) eċċezzjoni tiegħu, il-Bank konvenut qanqal dan il-punt (ara a' fol 12) billi esebixxa *il-guidance note* tal-Bord ta' Sorveljanza

Dwar Sanzjonijiet kif imwaqqaf bis-saħħa ta' **artiklu 7** tal-imsemmi Kap tal-Liġijiet (a' fol 16). F'dan ir-rigward ressaq ukoll lil George Grech, rappresentant tal-Bord fuq imsemmi, biex jispjega għalfejn inħarget il-*guidance note* imsemmija (ara xhieda minn a' fol 115 sa a' fol 117 rik 923/18).

**10.** Jibda biex jingħad, li fid-dawl ta' dak li jiddisponi **l-artikolu 321 tal-Kodiċi Ċivili**, l-prinċipju ġenerali hu, li persuna ma għandhiex tkun imċaħħda minn ġidha jew mit-tgwadija ta' ġidha, jekk mhux b'sanzjoni tal-liġi. B'liġi, din il-Qorti tifhem mhux biss dik miktuba iżda anke dik konswetudinarja, partikularment meta si tratta ta' operazzjonijiet bankarji. Il-Qorti tfakkar li skont **artikolu 1007 tal-Kodiċi Ċivili** *" fil-kuntratti għandu jitqies li hemm il-klawsoli ta' użu, ukoll jekk ma jkunux ġew espressi"*. Għal din il-Qorti il-kelma "użu", fil-kuntest ta' kuntratti hija ġuridikament ekwipollenti għall-kelma "prassi". Bil-kelma liġi din il-Qorti qed tifhem ukoll bl-istess mod li jiddefinixxi **artikolu 3(1) tal-Kap 249** tal-liġijiet ta' Malta, u ċioe' tinkludi kull dokument li jkollu saħħa ta' liġi *u kull regola ta' liġi mhux miktuba.* Pero' dwar dan aktar 'l isfel. Anke l-Kostituzzjoni ta' Malta tipprovdi f'artikolu 23 li *"liġi" tinkludi kull dokument li jkollu l-forza ta' liġi u kull regola ta' liġi mhux miktuba u "skont il-liġi" u "legalment" għandhom jiftehmu skont hekk.*

**11.** Għalhekk din il-Qorti tqis, li fejn iċ-ċaħda ta' ġid ta' persuna ma tkunx komminata mil-liġi, ma jistax dak li jkun jipprova jwessa' l-effetti jew jislet

interpretazzjonijiet ta' xi liġi partikulari, li jolqtu negattivament assi li ma kienux maħsub jintlaqtu minn dik il-liġi, kemm jekk posittiva jew konswetudinarja. L-assi ma jkunux milquta jew għaliex ma jaqgħux fil-konfini sostanzjali tal-liġi kwantu tipprovdi għal restrizzjonijiet patrimonjali, jew għaliex milquta rregolarment stante li ma jkunx ġie sodisfatt il-vot tal-liġi proċedurali ta' dik il-liġi. F'dan il-każ il-Kap 365 tal-Liġijiet ta' Malta.

**12.** F'dan l-istadju tas-Sentenza, irid jingħad li dawn l-osservazzjonijiet qed isiru safejn jirrigwarda il-Kap 365. L-effetti li jista' jkollha prassi bankarja ta' xejra internazzjonali , jekk jiġi pprovat li din tesisti, hija kwistjoni legali oħra. Materja, li kif diġa' ingħad, ser tkun trattata minn din il-Qorti aktar 'l isfel.

**13.** Tesisti lista twila ta' istanzi fil-liġi li espressament jipprovdu bħala sanzjoni, il-konġelament provvisorju tal-assi, kemm waqt il-pendenza ta' proċedura in via kawtelatorja u anke mal-ġudizzju finali bħala esekuzzjoni. Hemm ukoll istanzi fejn il-liġi anke tipprovdi għall-konfiska tal-assi ta' persuna. Tant biex din il-Qorti tagħti eżempju, fost liġijiet oħra, tagħmel referenza għall-**artikolu 5 tal-Kap 373** tal-liġijiet ta' Malta. Dan l-artikolu, jippermetti fost oħrajn, li assi konsistenti f'kontijiet bankarji ikunu iffriżati ossia konġelati. L-aktar każ ovvju huwa dak tal-mandati kawtelatorji jew esekuttivi taħt il-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta, iżda dwar dan aktar 'l isfel.

**14.** Il-Qorti eżaminat b'reqqa dak li jipprovdi l-Kap 365 tal-Liġijiet ta' Malta. Jemerġi b'mod ċar, li bis-saħħa tiegħu l-Istat Malti għandu l-poter li

jiffriża assi bankarji simili għal dawk li jappartjenu lis-Soċjeta’ Attriċi. Dwar dan il-punt, il-Qrati tagħna irrikonoxxew fost oħrajn li *“…l-artikolu 3(4)(a) tal-Kap. 365 tal-Liġijiet ta’ Malta jagħti dritt lil Prim Ministru joħroġ miżuri u sanzjonijiet restrittivi għal skopijiet speċifiċi. Il-Kapitolu VII tal-UN Charter (Rez. 1970 u 1973/2001) jagħti l-poteri li jittieħdu miżuri restrittivi u l-istess poteri jingħataw lill-Unjoni Ewropea bl-artikolu 215 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.”* (Ara **Deċiżjoni tal-Prim Awla Qorti Ċivili fl-ismijiet Dejan Debono nomine -vs- Prim Ministru Onor Dott Joseph Muscat bħala Kap tal-Gvern et tat-12 ta’ Awwissu 2019**).

**15.** Fil-waqt li artikolu 3(4) jipprovdi għal sanzjonijiet kontra Stati oħrajn, l-artikolu 4(a) tal-imsemmija liġi jipprovdi ukoll għal sanzjonijiet konsistenti f’restrizzjonijiet anke fir-rigward ta’ persuni kemm jekk morali jew naturali. Dan l-artikolu jimmerita li jkun ċitat *in extenso* għall-aħjar apprezzament tal-punti legali nvoluti f’din il-Kawża:

“(*4) (a) Meta l-Ministru jikkunsidra li l-interessi nazzjonali u internazzjonali ta’ Malta hekk jeħtieġu, huwa għandu, fuq rakkomandazzjoni tal-Bord ta’ Sorveljanza fuq Sanzjonijiet u tal-Avukat Ġenerali, permezz ta’regolamenti taħt dan l-Att, jordna –*

*(i) it-tismija ta’ kwalunkwe persuna jew entità;*

*(ii) li kwalunkwe persuna naturali jew ġuridika f’Malta immedjatament tiffriża mingħajr ma jingħata avviż minn qabel kull proprjetà ta’ persuna jew*

*entità elenkata jew ta' persuni jew entitajiet oħra kif jista' jkun indikat fl-ordni;*

*(iii) li kwalunkwe persuna naturali jew ġuridika f'Malta minnufih tiffriża, mingħajr ebda avviż minn qabel, il-proprjetà kollha li hija proprjetà ta' jew ikkontrollata għal kollox jew konġuntament, direttament jew indirettament, minn persuna jew entità elenkata; jew proprjetà li hija derivata jew iġġenerata minn fondi jew assi oħra li huma proprjetà jew ikkontrollata, direttament jew indirettament, minn persuna jew entità elenkata; u proprjetà ta' kwalunkwe persuna jew entità li qed taġixxi f'isem jew taħt id-direzzjoni ta' persuna jew entità elenkata;*

*(iv) li l-ebda ċittadin ta' Malta jew kwalunkwe persuna jew entità f'Malta m'għandha tagħmel disponibbli kwalunkwe proprjetà jew servizzi finanzjarji jew servizzi oħra relatati, direttament jew indirettament, għalkollox jew konġuntament, lil jew għall-benefiċċju ta' persuna jew entità elenkata, jew entità li hija proprjetà jew ikkontrollata, direttament jew indirettament, minn persuna jew entità elenkata; jew persuna jew entità li qed taġixxi f'isem, jew taħt id-direzzjoni ta', persuna jew entità elenkata, sakemm ma tkunx liċenzjata, awtorizzata jew notifikata għal dak l-iskop;*

*(v) l-investigazzjoni ta' kwalunkwe ħaġa relatata mat-tismija ta' kwalunkwe persuna jew entità, il-konfiska ta' proprjetà ta' kwalunkwe persuna jew entità elenkata u l-applikabilità, mutatis mutandis, jew xort'oħra ta' kwalunkwe dispożizzjoni ta' kwalunkwe liġi oħra inkluż iżda mhux limitata*

*għall-Kodiċi Kriminali, l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhomx'jaqsmu Magħha u l-Att kontra Money Laundering fir-rigward ta' proprjetà ta' persuna jew entità elenkata, jew ta' persuna jew entità li hija suġġetta għal investigazzjoni li tista' twassal għat-tismija ta'dik il-persuna jew entità; jew*

*(vi) l-emenda jew revoka ta' kwalunkwe ordni magħmul taħt is-subparagrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) skont id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti.*

*Iżda l-Ministru għandu jippubblika r-regolamenti fi żmien raġonevoli minn meta l-Bord ta' Sorveljanza fuq Sanzjonijiet u l-Avukat Ġenerali skont il-każ, ikunu għamlu r-rakkomandazzjoni tagħhom għall-pubblikazzjoni tar-regolamenti."*

**16.** F'dan l-istadju ikun utili li terġa' ssir referenza għal dak li wieġeb il-Bank Konvenut, fil-kuntest li qed jeċċepixxi l-prassi bankarja internazzjonali. Jispjega, li ħa passi biex fid-dawl ta' dak li rrakomandat il-*guidance note* tal-Bord ta' Sorveljanza ta' Sanzjonijiet u ċioe' li jeżerċita kawtela akbar meta jittratta ma persuni mniżżla fuq il-lista' ta' persuni sanzjonati mill-OFAC. Kif diġa' aċċennat, fost din il-lista hemm is-Soċjeta' Attriċi.

**17.** Dwar dan il-punt din il-Qorti ħasbet fit-tul. Il-qalba tad-direttiva tal-imsemmija *Guidance note* tirrakomanda hekk:

*"The SMB is therefore calling for special attention regarding the decision taken by the OFAC, considering that Maltese national and legal persons, entities and bodies feature on the list. The SMB strongly **recommends** that all the economic operators and financial institutions in the Republic of Malta **exercise enhanced due diligence** when dealing with persons, entities and bodies. Economic operators and financial instituitions should **closely monitor and record** the activities and transactions carried out by the persons, entities and bodies on the list **and ensure that they keep an up to date** record of all assets, funds and economic resources held by the said persons, entities and bodies with them".* (emfażi tal-Qorti ara a' fol 24 rik 923/2018).

**18.** Il-funzjonijiet ta' dan il-Bord jemerġu minn artikoli 7**(5)(a) u (b) tal-Kap 365.** Kif għandu jirrisulta minn din in-nota, il-Bord inkwistjoni f'ebda ħin ma ta xi **ordni** biex assi jiġu **iffriżati**. Jidher ċar, li dak li **jirrakomanda** l-Bord huwa, li tintuża kawtela estrema mill-Istituzzjonijiet finanzarji fejn si tratta propjeta' tal-persuni indikati mill-OFAC. Din il-kawtela tikkonsisti f'eżerċizzju ta' skrutinju b'reqqa kbira (*enhanced due diligence*), li ssir sorveljanza stretta (*closely monitor*) u li jinżammu reġistrati aġġornati ta' reġistrazzjoni ta' propjeta' (*record …. keep up to date*). Imkien ma jrrisulta li hemm xi ordni ad hoc sabiex ikunu friżati jew imblukkati assi.

**19.** Di piu', anke kif jirriżulta mill-artikolu 4(a) fuq imsemmi, il-poter li jkunu ffriżati, imblokatti jew ristrett l-użu tal-assi, huwa poter esklussiv tal-

Ministru fuq rakkomandazzjoni tal-Bord **u kif ukoll tal-Avukat Ġenerali.** Mill-atti, minn imkien ma jirrisulta, li kien hemm xi xorta ta' regolament jew rakkomandazzjoni tax-xorta imsemmija fl-ewwel paragrafu tal-artiklu 4(a).

**20.** Dan ifisser, Ii meta l-Bank konvenut ħa in konsiderazzjoni l-*guidance note* tal-Bord, fiha innifisha din ma tavvalax sanzjonalment l-ordni Presidenzjali Amerikana 13726 li b'konsegwenza tagħha inħarġet il-lista' tal-OFAC (ara a' fol 25 rik 923/2018). Għalhekk, meta l-Bank konvenut jgħid "*ħa l-passi neċessarji*" in linea mar-rakkomandazzjoni tal-*guidance note* ai fini ta' konġelament tal-assi tas-Soċjeta' Attriċi fid-dawl tal-ordni Presidenzjali Amerikana fuq imsemmija, ma hux preċiż. Fil-waqt li tal-ewwel trid l-iffriżar u konġelament tal-assi, tal-aħħar ma kienet qed tirrakkomanda xejn minn dan kollu, anzi tagħti x'jifhem li dan ma tridux, għax altrimenti kienet attivament tirrakomanda l-konġelament tal-assi, għalkemm kif intqal aktar 'l fuq, dan jista' jsir biss b'regolamenti ministerjali fit-termini ta' dak li jipprovdi l-artikolu 4(a) tal-Kap 365 tal-liġijiet ta' Malta.

**21.** F'dan l-istadju jkun ukoll utili li din il-Qorti tagħmel referenza għad-**digriet fl-atti għall-ħruġ tar-rikors ta' mandat ta' inibizzjoni numru 540/2018 JZM fl-ismijiet World Water Fisheries Ltd -vs- Reġistratur tal-Bastiment fi ħdan Transport Malta tal-25 ta' April 2018.** Għalkemm il-mertu ta' dan il-mandat ma għandux il-fattispeċi preċiżi ta' dawn il-proċeduri, dik il-Qorti għamlet osservazzjonijiet li jirriflettu anke fuq il-materja li għandha quddiemha din il-Qorti.

**22.** F'dawn il-proċeduri, ir-rikorrenti f'dak il-mandat, kienet qed titlob li l-Awtoritajiet jinżammu milli jikkanċellaw (*deflag*) numru ta' bastimenti tas-sajd, minn fuq ir-Reġistru Malti ta' Vapuri merkantili biex għalhekk ma jispiċċawx apolide. Tajjeb li jingħad, li f'dak il-każ, l-Awtorita' kompetenti de proprio kellha l-poter, li in virtu' ta' artiklu 29 tal-Kap 234 tal-liġijiet ta' Malta, li twettaq dan il-kanċellament.

**23.** Wara li nħarġet *guidance note* mill-Bord fuq imsemmi preċiża għal dik li għandha quddiemha din il-Qorti, tlett ijiem wara nħarġet nota oħra fejn irrakkomandat "*to actively consider the de-flagging the mentioned vessels in terms of article 29 of the Merchant Shipping Act."* Kien bis-saħħa tat-tieni nota li l-Awtorita' kienet ser tagixxi għall-kanċellament u mhux b'dik tal-ewwel. B'dana kollu, dik il-Qorti ħasset li kellha tilqa' t-talbiet tas-Soċjeta' rikorrenti minkejja li l-aħħar nota kienet aktar minn sempliċi rakkomandazzjoni. Indipendentement mill-esitu ta' dawk il-proċeduri, din l-osservazzjoni qed issir, fil-kuntest tan-nota li għandha quddiemha din il-Qorti, peress li fiha ma hemm ebda instigazzjoni mill-Bord imsemmi biex ikunu ffriżati l-assi tas-Soċjeta' Attriċi. Fatt diga' spjegat aktar 'l fuq.

**24.** Għalhekk din il-Qorti safejn jirrigwarda l-effetti tal-Kap 365 tal-liġijiet ta' Malta, fid-dawl tal-*guidance note* fuq imsemmija, tasal għall-konklużjoni li l-Bank konvenut ma jistax jinvoka din il-liġi biex jiġġustifika d-deċiżjoni li ħa di fronte tas-Soċjeta' Attriċi.

*Prassi bankarja internazzjonali*

**25.** Indipendentement mill-fatt jekk il-passi li ħa l-Bank Konvenut kienux konformi mal-Kap 365 tal-liġijiet ta' Malta, din il-Qorti xorta trid teżamina, fid-dawl ta' dak sottomess mill-Bank Konvenut, jekk id-deċiżjoni li ħa fil-konfront tas-Soċjeta' Attriċi hiex konfortata minn xi prassi bankarja internazzjonali li għandha vinkoli fil-liġi. Kif intqal aktar 'il fuq, liġi tikkomprendi anke dik mhux miktuba bħal ma hija prassi konswetudinarja.

**26.** Il-Bank konvenut jibni l-argument tiegħu f'dan ir-rigward fil-ħames risposta tiegħu (ara fol 12). L-argument huwa fis-sens, li għandu operazzjonijiet bankarji internazzjonali u li fost oħrajn jipprovdi servizzi lill-klijenti tiegħu biex ikunu jistgħu jinqdew bis-servizzi ta' pagamenti esteri tramite banek barranin, fosthom dawk Amerikani. Illi sabiex il-Bank ikun jista' jkompli joffri dawn ix-xorta ta' servizzi, huwa jidħol f'relazzjonijiet kontrattwali ma' banek internazzjonali. Il-bank isostni li dan huwa konformi ma' dik li hija prassi bankarja internazzjonali, fejn jobbliga ruħu li josserva s-sanzjonijiet ekonomiċi maħruġa mill-OFAC. Jekk ma jagħmilx hekk ma jkunx jista' jopera fil-kamp bankarju internazzjonali partikularment fil-munita tad-dollaru amerikan.

**27.** Bħala xhud f'dan ir-rigward, il-Bank Konvenut ressaq lil Patrick Spiteri Swain fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2019. Dan spjega il-proċedura tal-Bank barrani u ċioe' li l-corresponding Bank jagħmel due diligence lill-Bank Malti abbażi ta' dak li jissejjaħ *Wolfsberg questionnaire* (ara xhieda a' fol

86 u dokument minn a' fol 89 sa 97 tergo rik 923/18). Dan spjegah u kkonfermah ukoll Mario Mallia, impjegat tal-Bank konvenut (a' fol 52 rik 923/18 ).

**28.** Il-Qorti fehmet, li dan il-kwestjonarju huwa adottat internazzjonalment ai fini ta' due diligence bejn l-istess Banek. Il-Qorti fehmet ukoll, li kull Bank li jrid ikollu relazzjoni ma' Bank korrispondenti barrani irid ta' bil-fors iwieġeb għas-sett ta' mistoqsijiet li jinsabu f'dan il-kwestjonarju. Ix-xhud inkwistjoni mitlub jispjega xi jsir biex jinfetaħ kont ma' Bank barrani wieġeb li "*Bħala bażi tal-mistoqsijiet li jistaqsuk jintuża il-wolfsberg questionnaire."* (ara a' fol 86 u tergo tax-xhieda rik 923/18). Il-Qorti ezaminat dan il-Questionnaire, il-kolonni enumerati 93b u 96 il-mistoqsijiet jirrigwardaw is-sanzjonijiet tal-OFAC.

**29.** Fi ftit kliem il-Bank konvenut, fost ħafna kundizzjonijiet oħrajn, huwa mistenni li josserva dawn s-sanzjonijiet biex jiftaħ kont ma' Bank barrani korrispondenti. F'dan ir-rigward George Grech jixhed hekk:

"The way the Us defines an American person is anybody who deals in the American dollar, anyone. And it's not, you can say it's not fair, we can have arguments against it. It's the way they define it. So if I start giving money to an OFAC targeted person, I can be on an OFAC list for breaching their actions. And they could deny me access to American Dollar".

**30.** L-imsemmi xhud ikompli jixhed li għalkemm fil-każ ta' individwu ma tkunx waqgħet id-dinja, għal Bank ikun ifisser effetti serji jekk ma josservax is-sanzjonijiet tal-OFAC. Ikompli jgħid, li għalhekk li huma jsegwu l-*guidance note*. Il-Qorti diġa' osservat li din in-nota imkien ma tgħid li għandhom ikunu friżati l-assi. Di piu' jidher, li bis-sewwa jew bid-dnewwa, il-Gvern Amerikan jinsisti li s-sanzjonijiet Amerikani għandhom effett estra-territorjali f'dawk il-pajjiżi kollha li jinnegozjaw fid-dollaru, li hija meqjusa bħala munita globali.

**31.** Il-Bank jinsisti li din il-prattika bejn il-banek internazzjonalment, tammonta għall-prattika internazzjonali bankarja u għalhekk għandha s-saħħa ta' liġi. Li kieku l-Bank ma jemminx li din il-prattika ma għandhiex is-saħħa ta' liġi, żgur li ma kienx jieħu d-deċiżjoni li ħa. Għalhekk din il-Qorti tifhem, li din il-prattika bankarja, hija tax-xorta ta' użu kummerċjali jew konswetudinarja, għaliex fil-liġi domestika tagħna ma hemm ebda dokument ta' liġi miktuba li javalla d-deċiżjoni li ħa l-Bank konvenut. Di fatti, fin-nota ta' osservazzjonijiet tal-Bank konvenut, ma jingħadx li dak li għamel il-Bank kien bis-saħħa ta' xi liġi ordinarja tal-pajjiż, salv għal dak li ġie osservat fl-ewwel parti ta' din is-Sentenza sa fejn jirrigwarda l-Kap 365 tal-liġijiet ta' Malta. Il-Qorti trid tirrileva li kull użu kummerċjali, anke bħal dik li qed isemmi l-Bank Konvenut sa ċertu punt, huwa f'sens wiesgħa derogazzjoni għal-liġi skritta. Dan ifisser li l-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju għandu jkun miżmum fil-limiti ġusti (ara **John Mary Farrugia vs Gontram Borg noe. Appell Kummerċjali deċiż fit-12 ta' Frar 1988**).

**32.** Il-Qorti tħoss ukoll li huwa rilevanti għall-każ, li tfakkar x'inhi n-natura ġuridika ta' depositu bħal dak li għandha s-Soċjeta' Attriċi mal-Bank Konvenut. Mhux l-awturi kollha huma konkordi fuq in-natura tad-depożitu li jsir fil-Bank mill-klijent. Hemm ad eżempju minn iqisu depożitu irregolari (ara **Galasso, "Contratti di credito e titoli bancari"**). Hemm minn iqisu mutwu pekunjarju (**Messineo, "Manuale" Vol. V P 148**). Oħrajn, bħal **Trabucchi (Istit. p. 840)** jargumenta li jipparteċipa miż-żewġ Istituzzjonijiet.

**33.** Fil-fehma ta' din il-Qorti hu diffiċli li jkun aċċettat illi l-Bank għandu f'każ bħal dan sempliċiment il-funzjoni ta' kustodju, skont **l-artikolu 1891 tal-Kodiċi Ċivili** peress li għandu ukoll l-obbligu tar-restituzzjoni. Fl-istess ħin jista' dejjem igawdi u jisfrutta l-ammont hekk depożitat għandu billi jinvestih għal gwadann tiegħu. F'tali ċirkostanzi dan ix-xorta ta' depożitu għandu aktar mill-mutwu kif spjegat minn **artikolu 1842** tal-Kodiċi Ċivili. Din il-fehma hi msaħħa aktar mit-termini ta' l-artikolu 1894 ta' l-istess Kodiċi li jiddisponi illi "*d-depożitu ta' flus jew ta' ħwejjeġ oħra li jintemmu bl-użu, hu regolat mil-liġijiet dwar is-self ta' ħaġa għall-konsum jew mutwu, meta lid-depożitarju jkun ingħata s-setgħa li jinqeda bil-ħaġa depożitata għandu, bl-obbligu biss li jrodd daqsha ta' l-istess xorta u kwalita`".* (Ara f'dan is-sens is-**Sentenza tal-Qorti tal-Kummerc fl-ismijiet Miggiani -vs- Galea nomine tal-15 ta' Diċembru 1900**). Dan ifisser, li bħal kuntratt ieħor, id-depositu ta' flus ma' Banek huwa regolat mill-kundizzjonijiet magħrufa bejn

il-partijiet (espressi) u anke minn dawk li għalkemm mhux miktuba (impliċiti), il-partijiet huma raġjonevolment mistennija li joqgħodu għalihom jekk iridu jagħtu effikaċja legali lil dan ix-xorta ta' kuntratt.

**34.** Fil-kuntest tal-arranġamenti li jagħmel il-Bank Konvenut ma' Banek barranin il-Qorti terġa' tagħmel referenza għax-xhieda ta' Mario Mallia, CEO tal-Bank Konvenut tat-12 ta' Marzu 2019:

"**Dr. Victor Bugeja**: *Inti meta għamiltu l-Bank relazzjoni kuntrattwali mhux hekk, man-Nesval Limited, in-Nesval Limited infurmajtuha b'dawn l-arranġamenti li għandkom mal-esteri, ma' aġenziji esteri u semmejtulhom l-OFAC u mhux OFAC u x'konsegwenzi jista' jkun hemm?*

**Xhud**: *No. No*" (ara a' fol 52 tergo rik 923/18).

**35.** Għalkemm f'din il-parti tax-xhieda tagħmel referenza għas-Soċjeta' Nesvan Company Ltd, ma hemm ebda dubbju, illi fid-dawl tal-verbal tad-29 ta' Ottubru 2019 kemm f'din il-kawża u anke fl-oħra u ċioe rikors 923/18, din ix-xhieda hija ukoll fir-rigward tas-Soċjeta' Attriċi.

**36.** Il-Qorti tosserva li s-Soċjeta' Attriċi fetħet il-kontijiet tagħha fis-snin 2013 u 2014. Minn dak in-nhar sakemm ma nqalax l-episodju b'konsegwenza tal-*guidance note* fuq imsemmija fid-dawl tad-deċiżjoni tal-OFAC ir-relazzjonijiet bejn il-partijiet kienu normali. B'dana kollu, anke kif jemerġi mix-xhieda fuq imsemmija, ma jidhirx li fost il-kundizzjonijiet biex

infetħu dawn il-kontijiet kien hemm xi kundizzjoni li tirrigwarda l-possibilta' li dawn jistgħu ikunu iffriżati jew imblokkati bis-saħħa ta' tali sanzjonijiet.

**37.** Fin-nota ta' osservazzjonijiet tal-Bank konvenut ma hemm ebda referenza għal xi kundizzjoni espressa ta' din ix-xorta. Kieku kien hemm, ma kien ikun hemm ebda problema x'tiġi riżolta abbażi tal-prinċipju *pacta sunt servanda* u fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 992(1) tal-Kodiċi Ċivili. Dan qed jinghad ukoll fil-kuntest, li kif osservat aktar 'l fuq, ir-relazzjoni bejn is-Soċjeta' Attriċi u l-Bank konvenut hija waħda ta' kreditriċi/debitur. Il-flus iridu jitħallsu lura mill-mument jew skont kull ftehim li jkun sar (ara artiklu 1845 tal-Kodiċi Ċivili).

**38.** Jirrisulta li s-Soċjeta' Attriċi talbet li flusha jiġu rilaxxati permezz ta' ittra uffiċjali tal-5 ta' Frar 2019 (a' fol 32). Permezz ta' ittra uffiċjali responsiva tal-20 ta' Marzu 2019 il-Bank Konvenut wieġeb li dan ma setax jagħmlu minħabba is-sanzjonijiet maħruġa mid-Dipartiment tat-Teżor tal-Istat Amerikan tramite l-OFAC u għalhekk kien fl-impossibilita' legali li jħalli l-kontijiet bankarji jiġu operati b'mod liberu (a' fol 34). Minn dan kollu, din il-Qorti waslet għall-konklużjoni, li allura l-Bank qiegħed jargumenta, li għalkemm qatt ma informa lis-Soċjeta' Attriċi b'din il-posizzjoni fil-mument li kienet fetħet l-imsemmija kontijiet fl-2013 u 2014, dawn is-sanzjonijiet xorta waħda għandhom jingħataw effett, għaliex bħala prassi internazzjonali bankarja għandha tinftiehem li hija kundizzjoni implicita f'kull

kuntratt esistenti bejn il-partijiet. Jekk ma kienitx kundizzjoni espressa u xorta trid tingħata effett, allura bil-fors waħda implicita.

**39.** Huwa ta' importanza dak li għandhom xi jgħidu **L.S Sealy and R.J.A Hooley** dwar l-elementi legali ta' kundizzjoni implicita (*implied condition*):

*"It is important to remember that the banker-customer contract is made up of implied terms as well as express ones. In **Joachimson -vs- Swiss Bank Corp [1921 3 KB 110],** the Court of Appeal identified a number (but not necessarily all) of the key terms which are to be implied into the banker-customer contract because of the very nature of that relationship. In the absence of a statutory provision the cases in which the Courts will imply a term into a contract are strictly limited to those occasions (1) where the term is necessary to give business efficacy to the contract,(2) where the term was so obviously a stipulation in the agreement that it goes without saying that the parties must have intended it to form part of their contract, (3) where the term has become standardised in a particular type of contract and (4), where the term is implied by the custom is a locality of the usage of a particular trade. In **Hare -vs- Henty (1861) 10CBNS65**, Willes J famously stated 'that a man who employs a banker is bound by usage of bankers'. The usage becomes binding as an implied term of the banker-customer contract, whether or not the customer is aware of it, so long as it is **certain, notorious and reasonable** … ... usage which derogates from the customer's substantial rights is deemed to be unreasonable and only*

*binds the customer were his aware (**Barclays Bank Plc. -vs- Bank of England [1985] I All ER 385 at 394; Turner -vs- Bank of Scotland Plc [1999] 2 All ER (Comm) 664 CA**).* (**Commercial Law; Chapter 17; pg 594 ;Third Edition; Lexis-Butterworths**).

**40.** Il-Qorti eżaminat b'reqqa l-provi li għandha quddiemha u damet taħseb dwar iċ-ċirkostanzi tal-każ. Minn dak li qieset jidhrilha, li dak li qiegħed jgħid il-Bank ma jistax jammonta prattika bankarja internazzjonali impliċita fir-relazzjonijiet kuntrattwali ta' bejn il-partijiet. Il-Qorti ma tħossx li kundizzjoni ta' din ix-xorta tista' titqies li kienet kundizzjoni impliċita għaliex ma hiex ċerta, notorjament magħrufa jew raġjonevoli. Li klijent ikollu l-assi tiegħu ffriżati f'ċirkostanzi li qatt ma kienu magħrufa għalih u b'mod ghal kollox straordinarju, jekk hi prattika bankarja bejn il-banek li jittrattaw ma' xulxin, din il-Qorti ma tqiesx hekk fil-konfront tas-Soċjeta' Attriċi. Li jkollok kont bankarju ffriżat mingħajr qatt ma stajt tkun taf li kien hemm il-possibilita' li jkun iffriżat għar-raġunijiet li qed isemmi l-Bank Konvenut, hija ċirkostanza li tolqot il-qofol ta' dan ix-xorta ta' kuntratt: li li l-flus jiġu rilaxxati mad-domanda tal-klijent.

**41.** Biex il-Qorti tispjega aħjar il-kunċett legali involut dwar meta kundizzjoni impliċita hija raġjonevolment aċċettabbli, tagħmel referenza għall-mandat ta' sekwestru kawtelatorju jew esekuttiv f'idejn sekwestratarji bħal ma huma l-banek. F'tali eventwalita' d-depożitant ma jistax jilmenta, jekk jiġi ffriżat il-kont tiegħu, anke jekk ma jkunx hemm kundizzjoni

espressa fil-kuntratt mal-bank dwar dan. F'dan il-każ, din hija sitwazzjoni magħrufa notorjament, jesisti element ta' ċertezza f'liema istanzi tista' jsir u di piu' raġjonevoli, għaliex tirrikjediha l-liġi bis-saħħa ta' artikolu 378 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Għalhekk, fil-każ ta' dawn ix-xorta ta' mandati, tkun tawtoliġija legali li tippretendi li din is-sitwazzjoni għandha tkun espressa meta hija ħaġa minn awl id-dinja u normativament rikjesta.

**42.** Kwantu għas-sanzjonijet tal-OFAC, is-sitwazzjoni hija għal kollox differenti. Hija sitwazzjoni eċċezzjonali u straordinarja li tħalli kont iffriżat għal żmien indeterminat, fuq ordni ta' Stat barrani u f'ċirkostanzi li huma xi ftit jew wisq opaki peress la hi xi miżura kawtelatorja pendenti proċeduri, la esekuttiva b'konsegwenza ta' xi ġudikat u l-anqas notorjament magħrufa. Kwantu jirrigwarda l-istat ta' indeterminatezza li toħloq sitwazzjoni bħal din, Mario Mallia jixhed li l-Bank jieħu konoxxenza ta' dawn is-sanzjonijiet "*sakemm obviously l-OFAC tirriversja d-deċiżjoni tagħha*" (a' fol 52 rik 923/18). Sitwazzjoni xejn ortodossa u arbitrarja li żgur ma tammontax għall-kundizzjoni impliċita raġjonevoli. F'dan ir-rigward, il-Qorti ma tistax ma tagħmilx ukoll referenza għad-direttivi tal-MFSA sa fejn jirrigwarda Sanzjonijiet internazzjonali (a' fol 113 rikors numru 923/18). Fir-rigward ta' miżuri ta' Sanzjonijiet tal-Gvern Amerikan id-direttiva tispjega hekk:

*"Sanctions and restrictive measures on a number of countries, individuals and entities (as in case of Iran) are also in effect as a result of unilateral action by the United States of America. Unlike United Nations and*

*European sanctions.* ***US sanctions are not legally binding in Malta.*** *Nevertheless the MFSA licence holders and the public in general are encouraged to take US sanctions into consideration when conducting business activities in view of the wide ranging applicability of these measures and the risk of significant financial actions which may have serious implications on their business activities."* (emfazi ta' din il-Qorti a' fol 114 rik 923/18).

**43.** Dan ifisser li anke l-istess Awtorita' regolatriċi tirrikonoxxi li dawn is-sanzjonijiet ma għandhom l-ebda vinkolu legali f'Malta. Aktar minn hekk, l-istess direttiva toqgħod lura ħafna milli tirrakkomanda miżuri bħal ma huwa l-kongelament tal-assi u tawspika kawtela u kontroll fil-każ ta' investiment ta' riskju u dan fl-ahjar interess ta' dawk l-agenziji li joperaw fil-qasam finanzjarju. Kliem simili għal dawk fil-*guidance note* fuq imsemmija. Dan fih innifsu huwa ukoll prova ta' kemm hija straordinarja l-azzjoni li ħa l-Bank Konvenut. Anke jekk dak li għamel kien fid-dawl ta' kull intiża li seta' kellu ma' Banek oħrajn barranin, is-Soċjeta' Attriċi kellha tkun mgħarrfa li setgħu jittieħdu dawn il-miżuri fil-mument li fetħet il-kontijiet tagħha.

**44.** Fl-aħħar nett ma hemm xejn xi jżomm lill-Bank konvenut li f'kull sitwazzjoni simili bħal dik li għandha quddiemha l-Qorti, fost il-kundizzjonijiet li jagħmel biex isir depositu, ikun hemm dik li tgħarraf lill-klijent preventivament li jistgħu isiru dawn ix-xorta ta' konġelamenti b'konsegwenza ta' sanzjonijiet tal-OFAC. La darba l-klijent ikun ingħata

dan l-avviż fil-mument li jinfetaħ kont, wara ma jistax jilmenta, għax wara kollox *pacta sunt servanda.* Ara (**Sentenza Qorti Appell Inferjuri per Imħallef Anthony Ellul, fl-ismijiet HSBC -vs- Nicholas Galea tas-6 ta' Ottubru 2017**). Jekk il-klijent ma jkunx irid joqgħod għal din il-kundizzjoni allura l-kont ma jinfetaħx.

**45.** Ma hemm xejn xi jżomm lill-Bank konvenut li ma jiftaħx kontijiet lil dawk li jkunu jidhru fuq il-lista tal-OFAC. L-anqas ma hemm xejn xi jżomm lill-Bank Konvenut milli jagħlaq il-kont jekk ikun jidhirlu li l-persuna hija ta' riskju jew li addirittura jżommu miftuħ u jishar fuq il-movimenti tal-kont biex jekk ikun il-każ jiġbed l-attenzjoni tal-Awtoritajiet regolatorji jew kompetenti biex iqisu jekk hemmx miżuri x'jittieħdu. Wara kollox dan jidher li kien l-ispirtu tal-*guidance note* inkwistjoni. Fiċ-ċirkostanzi l-Bank Konvenut seta' ukoll jitlob li jkun iggwidat mill-Bord ta' Sorveljanza jew l-Awtorita' regolatorja relevanti bħal ma hija l-MFSA, aktar u aktar meta ħa inkonsiderazzjoni tan-nota imsemmija fid-deċiżjoni li ħa fil-konfront tas-Soċjeta' Attriċi.

**46.** Dan ifisser li t-talbiet Attriċi ser jintlaqgħu ħlief għar-raba' talba, peress li l-loġika tiddetta li ma hemm xejn xi jżomm lis-Soċjeta' Attriċi milli titlob lill-Bank konvenut biex jagħlaq il-kont, għax din hija deċiżjoni fakultativa u unilaterali ta' kull klijent li għandu kontijiet bankarji bħal dak mertu ta' din il-Kawża.

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qegħdha tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa l-ewwel talba** Attriċi u tiddikjara li l-Bank konvenut ma għandu ebda dritt legali iżomm għandu assi tas-Soċjeta' Attriċi mingħajr awtorizazzjoni tal-istess Soċjeta' Attriċi.

**Tilqa t-tieni talba** Attriċi u tiddikjara li l-Bank konvenut għandu jħallas u jirrilaxxa a favur is-Soċjeta' Attriċi s-somma ta' disa u disgħin elf u tmenin ewro u seba u ħamsin ċenteżmu (Euro 99,080.57) bl-imgħaxijiet legali.

**Tilqa' it-tielet talba** Attriċi u tordna lill-Bank konvenut iħallas u jirrilaxxa a' favur is-Soċjeta' Attriċi s-somma ta' disa u disgħin elf u tmenin ewro u seba u ħamsin ċenteżmu (Euro 99,080.57) bl-imgħaxijiet legali mill-5 ta' Frar 2019 sal-pagament effettiv.

**Tiċħad ir-raba' talba** Attriċi għar-raġunijiet fuq spjegati.

Spejjes tal-Kawża a' karigu tal-Bank konvenut.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**